MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 238/1995/1

**Lorenzo Theuma u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2006,**
**il-ġudizzju ġie trasfuż minn isem l-attur Lorenzo Theuma**
**għal isem ta' Michael, Carolina u Rose mart Lawrence Vella**
**aħwa Thewma, stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża**

**vs**

**Rita Theuma;**

**Maria Giovanna Theuma; u b'digriet tas-27 ta' April 2007 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Virgina, Frank Paul u Joanna lkoll aħwa Pace minflok Maria Giovanna Theuma stante l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża;**

**Giuseppa mart Salvu Pace; u b'digriet tas-27 ta' April 2007 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Virgina, Frank Paul u Joanna lkoll aħwa Pace minflok Giuseppa Pace stante l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża;**

**u Dolores xebba Theuma u b'dirgriet tal-21 ta' Lulju 1999 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Giovanna Theuma u Dolores Pace minflok Dolores xebba Theuma li mietet fil-mori tal-kawża.**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fil-ħdax (11) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u ħamsa u tletin (1935) miet Carlo Theuma u l-eredita' tiegħu għaddiet favur uliedu l-kontendenti Lorenzo u Rita xebba u wliedu l-oħra Salvu, Joseph, Francesco, Rita xebba, Margaret xebba, Theresa u Emanuel (Dok. A);

Illi fl-ewwel (1) ta' Novembru tal-elf disa' mija u ħamsa u erbgħin (1945) miet Michele Theuma ħu l-imsemmi Carlo Theuma li kien għażeb u miet inprole u irregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment tat-tmintax (18) ta' Settembru tal-elf disa' mija u erbgħa u erbgħin (1944) fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo, li bih, salv il-legati hemm ordnati, ħatar bħala eredi tiegħu lin-nepputijiet teigħu, Guseppi, Francesco, Emmanuele, Lorenzo, Salvatore, Rita, Margerita, u Theresa ilkoll ulied l-imsemmija Carlo u Dolores konjuġi Theuma (Dok. B u C);

Illi fil-ħamsa (5) ta' Frar tal-elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) mietet Dolores Theuma mart l-imsemmi Carlo Theuma u l-eredita' tagħha għaddiet ukoll favur uliedha l-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba u wliedha l-oħra Salvu, Joseph, Francesco, Margaret, Theresa u Emmanuele (Dok. D);

Illi Margaret Theuma mietet fl-erbgħa (4) ta' Awwissu tal-elf disa' mija u tnejn u ħamsin (1952) u l-eredita' tagħha għaddiet *ab intestato* favur ħutha l-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba u flimkien ma Salvu, Joseph, Francesco, Theresa u Emmanuele (Dok. E);

Illi l-imsemmi Joseph Theuma miet fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tal-elfd disa' mija u sittin (1960) bla testment u mhux miżżewweġ u bla wlied u għalhekk l-eredita' tiegħu għaddiet favur ħutu l-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba u ħutu l-oħra Salvu, Francesco, Margaret, Theresa u Emmanuel (Dok. F);

Illi l-imsemmi Francis Theuma miet fis-sbatas (17) ta' Ġunju tal-elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965) u l-eredita' tiegħu għaddiet favur uliedu l-konvenuti Guseppa mart Salvu Pace u Dolores xebba Theuma (Dok. G);

Illi l-imsemmija Theresa Theuma mietet fil-ħmistax (15) ta' Ġunju tal-elf disa' mija u sebgħa u sittin (1967) u rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment tas-sittax (16) ta' April tal-elf disa' mija u sebgħa u sittin (1967) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella li bis-saħħa tiegħu ħatret bħala eredi universali tagħha kwantu għal kwint indiviż kull wieħed lil ħutha Salvatore, Lorenzo, Emmanuele, Rita xebba, u kwint indiviż lill-konvenuta Maria Giovanna l-armla ta' Francesco Theuma, fuq imsemmi (Dok. H u I);

Illi Emmanuel Theuma miet fit-tminja u għoxrin (28) ta' Jannar tal-elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) u l-eredita' tiegħu għaddiet favur uliedu l-kontendenti Clemente, Carmel, Giorgia mart George Mercieca, Carolina, Joseph, Michelangelo, George, Lorenzo u Karistu lkoll aħwa Theuma (Dok. J);

Illi l-imsemmi Salvu Theuma miets fis-sbatax (17) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) u wirtitu oħtu l-konvenuta Rita Theuma (Dok. K);

Illi konsegwent għad dawn l-imwiet, l-attur qiegħed jippossjedi diversi beni in komun mal-konvenutil

Illi l-attur ma jridx li jibqgħu f'dan l-istat ta' komunjoni u jrid għalhekk li jiġu maqsuma bejniethom l-ereditajiet ta' Carlo u Dolores konjuġi Theuma, Michaele Theuma, Margaret Theuma, Joseph Theuma u Theresa Theuma;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jaddivjenu għall-qasma bonarja.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taħtar amministratur sabiex jamministra l-beni ppossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini tal-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia' esistenti bejn l-imsemmija Carlo u Dolores konjuġi Theuma billi jiġi dikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwsiti hekk likwidata, f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-assi separati al-konjuġi Theuma;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' carlo Theuma billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmoblbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

5. Tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmi Dolores Theuma billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kolhha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża.
6. Taqsam u tiddiviedi l-assi partikolari tal-istess Carlo u Dolores Theuma hekk likwidati fi tmien prozjonijiet ugwali, li għandhom jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba u waħda kull wieħed lill-ereditarjiet ta' Salvu, Joseph, Francesco, Margaret xebba, Theresa u Emmanuel aħwa Theuma rappreżentati kif fuq spjegat;

7. Tillikwida l-assi partikolari ta' Michele Theuma;

8. Taqsam u tiddiviedi l-assi partikolari tal-istess Michele Theuma hekk likwidati fi tmien prozjonijiet ugwali, li għandhom jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba u waħda kull wieħed lill-ereditajiet ta' Salvu, Joseph, Francesco, Margaret xebba, Theresa u Emanuel aħwa Theuma;

9. Tillikwida l-assi partikolari ta' Margaret Theuma bili jiġu ddikjarati li jikkonsistu f'sehemha mill-ereditajiet ta' Carlo u Doores konjuġi Theuma u ta' Michele Theuma u f'dawk il-beni u sustanzi l-oħra li jirriżultaw fil-kawża;

10. Taqsam u tiddiviedi l-assi partikolari tal-istess Margaret Theuma hekk likwidati f'seba' porzjonijiet, li għanhom jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba aħwa Theuma u waħda kull wieħed lill-ereditajiet ta' Salvu, Joseph, Francesco, Theresa u Emmanuel aħwa Theuma;

11. Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Theuma billi jiġu ddikjarati li jikkonsistu f'sehemu mill-ereditajiet ta' Carlo u Dolores konjuġi Theuma, ta' Michele Theuma u ta' Margaret Theuma u f'dawk il-beni u sustanzi l-oħra li jirriżultaw fil-kawża;

12. Taqsam u tiddiviedi l-assi partikolari tal-istess Joseph Theuma hekk likwidati f'sitt porzjonijiet, li għandhom jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti Lorenza u Rita xebba aħwa Theuma u waħda kull wieħed lill-ereditajiet ta' Salvu, Francesco, Theresa u Emmanuel aħwa Theuma;

13. Tillikwida l-assi partikolari tal-istess Theresa Theuma billi jiġu ddikjarati li jikkonsistu f'sehemha mill-ereditajiet ta' Carlo u Dolores konjuġi Theuma, ta' Michele Theuma, ta' Margaret Theuma u ta' Jospeh Theuma u f'dawk il-beni u sustanzi l-oħra li jirriżultaw fil-kawża;

14. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari tal-istess Theresa Theuma hekk likwidati f'ħames porzjonijiet, li għandhom jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti Lorenzo, u Rita xebba aħwa Theuma, waħda lill-konvenuta Maria Giovanna Theuma, u waħda kull wieħed lill-ereditajiet ta' Salvu Theuma, u Emmanuel Theuma liema ereditajiet jinsabu rappreżentati mill-eredi rispettivi kif fuq spjegat;

15. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni f'dik id-data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaċi;

16. Kemm 'l darba l-beni kompriżi fl-ereditajiet imsemmija jew uħud minnhom jirriżultaw li ma humiex komdament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni u r-rikavat jiġi pperċepit mill-kontendenti fil-kwoti msemmija.

Bl-ispejjes inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali spedita f'Novembru 1994, tal-ittra interpellatorja spedita fis-6 ta' Jannar 1995 u tal-ittra uffiċċjali spedita fi Frar 1995.

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur, ikkonfermata bil-ġurament ta' ibnu Michael, bis-saħħa ta' prokura datata t-12 ta' Diċembru 1995.[1]

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Rita xebba Theuma, Maria Giovanna Theuma, Giuseppa mart Salvu Pace u Dolores xebba Theuma, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi huma jopponu ruħhom għal-ewwel talba tal-attur għall-ħatra ta' amministratur peress illi m'hemmx lokha f'din il-kawża;

2. Illi fil-mertu huma ma jopponux ruħhom għad-diviżjoni, kfi mitluba, purche li l-ewwel jiġi verifikat il-konsistenza tal-assi u l-immobbli li hemm għad-diviżjoni (peress ilil r-raba msejjħa "Ta' Xrirpa", li qiegħda fil-limit ta' Sannat, Għawdex hija proprjeta' esklusiva tal-eċċipjenti, Rita Theuma), kif ukoll li jiġu verifikati l-kwoti rispettivi tal-kontendenti;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

[1] Ara kopja a fol.9 tal-process

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti maħlufa minn Rita Theuma.

Il-konvenuti l-oħra, debitament notifikati biċ-ċitazzjoni, għażlu li jibqgħu kontumaċi.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' April 1996 li bih innominat lill-Avukat Dottor Aaron Attard Hili bħala perit legali u lill-A.I.C. Emanuel Vella bħala perit tekniku.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 1997 li bih fir-rigward tal-ewwel talba, ħatret lill-Avukat Dottor Aaron Attard Hili bħala amministratur tal-beni in diviżjoni, a tenur tal-artikolu 494 tal-Kap.16.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2003 fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dottor Attard Hili bħala perit legali, u minflok ordnatlu jkompli jiġbor il-provi fil-kariga ġdid tiegħu bħala Assistent Ġudizzjarju.

Billi l-perit tekniku l-A.I.C. Emanuel Vella baqa' qatt ma għamel xejn in konnessjoni mal-inkarigu tiegħu f'din il-kawża, bid-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2007 ġie nominat minfloku l-A.I.C. Joseph Mizzi.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fit-2 ta' April 2012 u minnu maħlufa fis-7 ta' Marzu 2014.

Rat in-Nota tal-atturi tat-22 ta' Lulju 2013 li permezz tagħha ppreżentaw sett ta' domandi in eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-perit tekniku, ppresentati fil-25 ta' Settembru 2013 bi tweġiba għad-domandi tal-atturi tat-22 ta' Lulju 2013, u minnu maħlufa fit-30 ta' Settembru 2013.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' April 2014 fejn halliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur talab il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni tal-ġenituri tiegħu, ta' zijuh Michele Theuma, u ta' ħutu Joseph, Francis, u Margaret u Theresa xebbiet Theuma, li eredi tagħhom huma l-kontendenti kollha, fi kwoti mhux ugwali.

Il-beni mmobbli in komun li hemm għad-diviżjoni u li l-kontendenti jaqblu dwarhom huma s-segwenti:

1. il-fond bin-numru **tlieta u tmenin (83) Triq ix-Xabbata, Sannat**, (indikat bl-aħmar fuq il-pjanta mmarkata Dok. EV1 a fol. 499 tal-proċess). Dan il-fond kif deskritt mill-perit tekniku, ġie stmat tal-valur ta' wieħed u disgħin elf u sitt mitt euro (€91,600);[2]

2. il-fond numru **tnejn u għoxrin (22), Triq Marsilja, Sannat,** (indikat bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. EV 2 a fol. 500 tal-proċess). Dan il-

[2] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 495

fond kif deskritt mill-perit tekniku, ġie stmat tal-valur ta' wieħed u disgħin elf, ħames mija sitta u ħamsin euro (€91,556);[3]

3. porzjon **art fabbrikabbli magħufa bhala "Ta' Fejn il-Ħanut" jew "Tal-Ħarruba" fi Triq Xabbata, Sannat**, tkejjel ċirka mija u tmintax il-metru kwadru (118m.k.), indikata fil-pjanta mmarkata Dok. EV 3 a fol. 501 tal-proċess). Din l-art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' mija u tlett elef euro (€103,000);[4]

4. porzjon **art magħrufa "Ta' Wara l-Bejt" fil-limiti ta' Sannat**, tkejjel ċirka erba' mija seba' u tmenin metru kwadru (487m.k.). Din l-art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' ħamest elef u ħamsa u erbgħin euro (€5045);[5]

5. porzjon **art agrikola magħrufa bħala "Ta' Xaman" jew "Ta' Minku" fil-limiti ta' Sannat,** tkejjel ċirka mitejn u ħmistax il-metru kwadru (215m.k.), (indikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. EV. 5 a fol. 503). Din l-art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' elf tliet mija u disgħin euro (€1390);[6]

6. żewġ biċċiet **art agrikoli "Tas-Sanap" magħufa wkoll bħala "Ta' Ras il-Bajjada t'isfel" limiti ta' Sannat,** waħda fiha kejl ta' cirka tliet mija u erbatax il-metru kwadru (314 m.k.), (indikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. EV. 8a, a fol. 497); din l-art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' sitt mija u ħamsin euro (€650);[7] l-oħra tal-kejl ta' ċirka mitejn ħamsa u sebgħin metru kwadru (275m.k.), (indikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. EV. 8b, a fol. 498); din l-art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' ħames mija u sebgħin euro (€570).[8]

L-atturi jikkontendu li hemm ukoll għall-qasma żewġ biċċiet art oħra, li pero' l-konvenuta Rita Theuma tippretendi li huma tagħha. Dawn l-artijiet huma:

1. porzjon **art fabbrikabbli magħrufa "Ta' Xtirpa" fil-limiti tal-Munxar, Għawdex**, tkejjel sitt mija tnejn u erbgħin metru kwadru (642m.k.), (indikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. EV. 6, a fol. 504); din l-

[3] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[4] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[5] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[6] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[7] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[8] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496

art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' tliet mija tnejn u għoxrin elf euro (€322,000);[9]

2. porzjon **art magħrufa "Tal-Beraq" jew "tal-Ħarruba" fil-limiti tal-Munxar, Għawdex**, tal-kejl ta' elf mitejn u dsatax il-metru kwadru (1219m.k.), (indikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. EV. 7, a fol. 505); din l-art kif deskritta mill-perit tekniku, ġiet stmata tal-valur ta' tlieta u għoxrin elf, u tlett mitt euro (€23,300).[10]

L-art **"Ta' Xtirpa"** l-konvenuta Rita Theuma tippretendi li saret tagħha bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena. L-*actio familae erciscunde*, bħal ma hija din il-kawża, tolqot *omne jus quod defunctus habuit*, u dan bla distinzjoni bejn drittijiet personali jew *in rem*. Irid jiġi hawnhekk stabilit għalhekk jekk il-konvenuta msemmija għandiex raġun f'din il-pretensjoni tagħha.

L-artikolu 2107 (1) tal-Kap.16 jiddisponi li:

"I**l-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi**."

Dwar dan l-artikolu, adottat mill-Kodiċi Napoleoniku[11], il-**Baudry-Lacantinerie** jispjega illi:

"*Le condizioni enumerate da questo articolo sono richieste per ogni prescrizione acquisitiva, tanto per la prescrizione da dieci a venti anni, quanto per quella di trenta.Tutte tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che e' stata commessa di lui, e a metterlo in grado di respingerla. Di queste condizioni quattro soltanto si riferiscono, in modo esatto a qualita' del possesso, e all'assenza dei vizi del possesso; queste contemplano il carattere continuo, pacifico, pubblico, e non equivoco del possesso. L'interruzione e' infatti la cessazione del possesso, e non ne e' soltanto un vizio; quanto all'intenzione di comportarsi come proprietario, nel nostro diritto attuale, e' un elemento essenziale del possesso."*[12]

Dwar il-kundizzjoni tal-**kontinwita' u nuqqas ta' interruzjoni**, l-istess awtur ifisser illi:

*" Il possesso e' continuo, quando e' senza intermittenze e senza lacune… perche' il possesso sia continuo non e' necessario che il possessore sia stato in contatto*

[9] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[10] Ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 496
[11] c.f. art.2229 Kodici Civili Taljan;.
[12] Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile;Della Prescrizione,para.238 pag.190

*costante con la cosa; a questo modo non vi sarebbe prescrizione possibile. Basta che abbia compiuto regolarmente i diversi atti di godimento di cui la cosa e' suscettibile, che si sia comportato come un proprietario accurato e diligente.*

*La prescrizione trasforma il fatto in diritto: il possesso che vi conduce deve dunque essere la manifestazione regolare del diritto che il possessore pretende avere sulla cosa e che la prescrizione consolidera'."*[13]

*…..L'interruzione non deve esser confusa con le discontinuita'. Essa e' salvo il caso di abbandono, di derelictio, opera di un terzo, o suppone almeno l'intervento di un terzo; la non continuita' e' imputabile al possessore. L'interruzione, e ora una turbativa giuridica del possesso, ora un' interuzione del possesso, una perdita momentanea; la non coninuita' implica che il godimento non sia stato normalmente esercitato."*[14]

L-istess awtur jgħallem illi l-pussess irid ikun **paċifiku** bil-mod segwenti:

*"Un individuo si impadronisce di un fondo con mezzi violenti: poco importa che sia per mezzo di violenze fisiche o morali risultanti da minacce, poco importa anche che questi mezzi violenti siano stati impiegati contro il vero proprietario o contro un'altra persona, che siano il fatto del possessore stesso o di altre persone che agiscono in suo nome. Questi atti di violenza, dice la legge, non potranno fargli acquistare il possesso utile per la prescrizione."*[15]

Dwar il-kundizzjoni l-oħra li l-pussess irid ikun **pubbliku** l-Baudry jgħid illi:

*"La clandestinita' dice il Dunod, e' un ostacolo alla prescrizione perche' il possessore nasconde il suo godimento, e gli interessati che non lo hanno conosciuto sono scusabili per non essersi opposti. Si e' possessore clandestino quando apprendendo una contestazione, si entra in possesso furtivamente e con atti oscuri, che si crede non debbano venire a conoscenza delle parti interessate, perche' e' difficile che li sappiamo. Collocandosi dal punto di vista inverso, si deve dire che il possesso e' pubblici quando e' stato esercitato a vista e saputa di quelli che l'hanno voluto vedere e sapere…"*[16]

Kundizzjoni mportanti ferm għal din il-preskizzjoni fil-liġi kontinentali hija l-pussess ***a titolo di proprietario*** jew ***animo domini***. Dwar dan l-element l-awtur citat jgħid illi:

[13] ibid para.239 pag.191
[14] ibid para.242 pag.194
[15] ibid para 251 pag.199
[16] ibid para 257 pag.204

*"Per poter prescrivere occorre possedere animo domini, cioe' a titolo di proprietario, o in modo piu' generale a titolo di padrone del diritto che si pretende acquistare per prescrizione. Questa non e' soltanto una semplice qualita' del possesso ; e' secondo noi, nel sistema che ha ispirato i legislatori del Codice civile, **un elemeneto costitutivo**.*

*L'animus domini esiste presso colui che posssiede in virtu' di un titolo traslativo di proprieta', come vendita, permuta, donazione. Esiste anche presso l'usurpatore, praedo; senza dubbio questo non ignora che la proprieta' della cosa appartiene ad altri; egli e' in mala fede, ma cioe' non gli impedisce di avere 'animus domini'; egli si dice proprietario e agisce come tale. Invece il fittaiuolo, il commodatario, il depositario,il tutore,il marito, e in modo generale tutti gli amministratori della cosa altrui non hanno l'animus domini; il loro stesso titolo implica il riconoscimento del diritto del proprietario."*[17]

Minn dan joħroġ illi l'atti ***di pura facolta' e di semplice tolleranza*** qatt ma jistgħu iwasslu għall-pussess jew għall-preskrizzjoni, għax kif ikompli jfisser l-istess awtur:

*"Il possesso e' un fatto che implica la pretesa ad un diritto di cui si presenta come l'esercizio.*

*Per conseguenza, perche' gli atti possano generare il possesso o la prescrizione insieme, occorre che un'usurpazione sul diritto altrui, una violazione di questo diritto generante a vantaggio di colui contro il quale l'usurpazione e' commessa un'azione giudiziaria per farla cessare. La prescrizione e' la trasformazione di uno stato di fatto in uno stato di diritto: questa trasformazione non e' possibile, com'e chiaro, se non quando il fatto implica positivamente la pretesa a un certo diritto."*[18]

Finalment il-pussess irid ikun ukoll **mhux ekwivoku.** Dan ifisser fi kliem il-Baudry illi:

*"Dicendo che il possesso deve essere non equivoco, non e' probabile che la legge abbia inteso formolare una condizione particolare distinta da quella studiata fin qui. E' piuttosto una determinazione di queste diverse condizioni, un carattere che e' comune a tutte. Si e' voluto dire che le diverse qualita' del possesso (animus domini, continuita', pubblicita'…) debbono risultare in modo chiaro, certo, non equivoco, dai fatti allegati dal possessore. Cosi' il possesso di un condominio sara' quasi sempre, equivoco dal punto di vista dell'animus domini. Se alcuni fatti molto significativi non vengono a dimostrare che vi e' stata la volonta' di possedere per proprio conto esclusivo, dovra' essere considerato come se abbia posseduto per*

[17] ibid. para.264,265 pag.208
[18] ibid. para.275 pag.213

*conto di tutti gli interessati e non potra' per conseguenza opporre alcuna prescrizione agli altri condomini."*[19]

Dan it-tagħlim ġie ukoll adottat mill-qrati tagħna fejn ingħad illi:

*"….għall-effikaċja tagħha bħala akkwiżittiva, din il-preskrizzjoni tippresumi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentenju. Hu magħruf illi l-element tal-pussess ċivili huma tnejn, dak materjali, l-poter fuq il-ħaġa, u ieħor intenzjonali, l-animu tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħallikieku hu kien il-proprjietarju tagħha 'animus et corpus, corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini'. Għalhekk ma hux pussess ċivili dak li jonqos fih wieħed jew ieħor minn dawn iż-żewġ elementi, b'mod illi mhux biżżejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja, imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor, għaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja. Barra minn dan hemm bżonn illi l-pussessur ikun leġittimu u kwindi li jipproduċi l-effetti ġuridici tiegħu speċjalment għall-akkwist tal-proprjeta' bid-dekorriment taż-żmien. U biex dan il-pussess jista' jissejjaħ leġittimu, hemm bżonn illi jirnexxu ċerta kwalitajiet jew karattri, jiġifieri illi jkun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.*[20]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, naraw illi jidher li din il-konvenuta qed tippretendi li l-art hawn indikata illum saret esklussivament tagħha. Mill-provi prodotti naraw illi f'ittra li Rita Theuma bagħtet lill-Arċipriet Dun Tarcisio Camilleri tal-parroċċa ta' Sannat fl-10 ta' April 1989, u esebita mill-istess arċipriet,[21] hija tispjega li din l-art hija tal-familja Theuma, "*ġejja minn tan-nanniet, u qabilna kienet f'idejn iz-ziju Mikieli Teuma*." Lil dan iz-ziju wirtuh is-seba' neputijiet tiegħu, ulied il-konjuġi Carlo u Dolores Theuma, bis-saħħa tat-testment tiegħu tat-18 ta' Settembu 1944,[22] u allura skond din il-prova suppost li s-sebat ahwa kellhom sehem indiviż minnha. Imma mbagħad fl-ewwel xhieda tagħha tal-11 ta' Novembru 1999 biddlet il-verżjoni tagħha, biex bdiet issostni li din l-art minn dejjem kienet f'idejn ħutha Francseco u Salvu biss, u qatt ma kienet f'idejn Mikieli Theuma. Salvu Theuma miet fis-17 ta' Ottubru 1989,[23] u wirtitu oħtu l-konvenuta Rita Theuma. Fid-denunzja oriġinali ppreżentata fil-5 ta' Marzu 1990, Rita Theuma ma semmiet xejn dwar din l-art. Imbagħad f'denunzja addizzjonali qalet li ħuha Salvu kellu nofs minn din l-art, filwaqt li hija kellha n-nofs l-ieħor. Pero' baqgħet ma spjegatx kif dan in-nofs l-ieħor spiċċa f'idejha, u kemm kien ilha tipposjedi waħedha *animo*

[19] ibid para.287 pag.222
[20] Carmelo Caruana et v. Orsla Vella; kollez.vol. XXXVII.I.705
[21] Dok.TC4 a fol.223 tal-process
[22] Dok.C anness mac-Citazzjoni a fol. 12 -14
[23] Dok.K a fol.26

*domini*. In vista ta' din l-ekwivoċita' kollha żgur li ma jistax jingħad li l-konvenuta Rita Theuma ppruvat sodisfaċentement li hija kellha l-pussess kontinwu, paċifiku, ininterrott, u inekwivoku għaż-żmien kollu meħtieġ mil-liġi biex tkun tista' takkwista l-proprjeta' ta' din l-art "Ta' Xtirpa" bis-saħħa tal-preskizzjoni akkwiżittiva. Iċ-Ċertifikat ta' Titolu mogħti lill-istess konvenuta fit-23 ta' Novembru 2001,[24] fil-mori ta' din il-kawża, meta l-proprjeta' ta' din l-art kienet għadha qed tiġi kontestata, u tista' tgħid kienet ir-raġuni ewlenija għaliex saret din il-kawża, m'għandu jkollu ebda effett fil-konfront tal-eredi l-oħra ta' Carlo u Dolores konjuġi Theuma u ta' Mikieli Theuma. Għalhekk din l-art "Ta' Xtirpa" għandha tinġieb ukoll għall-qasma.

Fl-istess ittra tal-10 ta' April 1989 l-konvenuta Rita Thuema tiddikjara li kellha f'idejha bi <u>qbiela</u> l-art **"tal-Beraq"** tal-kejl ta' ċirka tomna, limiti ta' Sannat, u li għaliha kienet tħallas 70 ċenteżmu fis-sena lill-Knisja ta' Sannat.[25] Mill-kopja ta' riċevuta rilaxxjata mill-Uffiċċju Parrokkjali ta' Sannat fl-14 ta' Novembru 1991, jidher appuntu li fuq din l-art kienet qed titħallas **qbiela** ta' 70 ċentezmu fis-sena.[26] Rita Theuma tippretendi li din l-art saret tagħha għax kienet ippreżentat ċedola ta' depożitu għall-fidi ta' ċens fir-rigward tagħha fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 1992.[27] Imma, hutha kienu pronti jikkontestaw il-validita' ta' din iċ-ċedola meta saru jafu biha, u dan permezz ta' Nota ppresentata fl-istess Reġistru fis-6 ta' Awwissu 1993,[28] u f'dan ir-rigward għandhom raġun, għax sempliċi ċedola ta' depożitu għall-fidi ta' ċens żgur li mhux biżżejjed għall-akkwist ta' proprjeta'. Għalhekk ukoll iċ-Ċertifikat ta' Titolu akkwistat minn Rita Theuma rigward din l-art,[29] ma jistax ikollu effett kontra l-kontendenti l-oħra. Terġa', kif tajjeb irrimaka l-Kanonku John Gauci mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex, qatt ma ġie ppreżentat ebda kuntratt li juri li din l-art kienet xi darba ġiet mgħoddija b'titolu ta' ċens perpetwu lill-Rita Theuma jew lil xi antenati tagħha.[30] F'tali ċirkostanzi, fejn it-titolu tal-familja Theuma jew tal-konvenuta Rita Theuma fuq din l-art għadu inċert għall-aħħar, żgur li din l-art ma tistax

[24] Ara Dok.RT 1 a fol. 259 -260
[25] Ara kopja ta'din l-ittra a fol.223
[26] Ara kopja esebita bhala Dok. TC 8 a fol.227
[27] Ara kopja esebita a fol.229 - 230
[28] Dok.TC 14 a fol. 232 -233
[29] Dok.RT 3 a fol.257, 258
[30] Ara Dok.TC 9 a fol.228

tinġieb għall-qasma. F' din il-kawża l-Qorti lanqas tista' tiddeċidi dwar dan it-titolu, ġialadarba jidher li qed jiġi kontestat ukoll mill-awtoritajiet ekkleżjastici f'Għawdex, li pero' mhumiex qed jipparteċipaw f'dawn il-proċeduri. Madankollu tibqa' impreġudikata kwalunkwe pretensjoni tal-partijiet dwar din l-art "Tal-Beraq."

Jonqos issa li jiġu stabilit l-kwoti rispettivi tal-kontendenti mill-proprjetajiet in diviżjoni.

1. Għar-rigward tal-fond numru **22, Triq Marsilja, Sannat**, dan jirriżulta li tħalla minn Michele Theuma b'titolu ta' legat,[31] kwantu għan-nofs (1/2) lil Maria Theresa Theuma u in kwantu għan-nofs (1/2) l-ieħor lil Margerita Theuma. Din tal-aħħar mietet xebba u ntestata, u għalhekk in-nofs indiviż tagħha għandu jinqasam bejn il-bqija ta' ħutha. Maria Theresa Theuma ħatret bħala eredi universali tagħha,[32] kwantu għal kwint (1/5) indiviż kull wieħed/waħda lil ħutha, u ċioe' Salvu, Lorenzo, Emanuele u Rita, u kwint indiviż ieħor lill-konvenuta Maria Giovanna Theuma, il-mara ta' Francesco Theuma (illum mejta). Għaldaqstant, din il-proprjeta' għandha tiġi maqsuma bil-mod segwenti:

In-nofs (1/2) indiviż appartenenti lil Margerita Theuma għandu jinqasam bejn is-seba' ħutha: 1/14 għal Lorenzo; 1/14 għal Emanuel; 1/14 għal Rita; 1/14 għal Maria Theresa; 1/14 għal Salvu Theuma; 1/14 għal Joseph Theuma; 1/14 għal Francesco Theuma.

Peress li Joseph Theuma miet intestat wara li mietet Margerita Theuma, is-sehem tiegħu għadda fuq is-sitt ħutu li kienu għadhom ħajjin; 1/84 għal Lorenzo, 1/84 għal Rita Theuma, 1/84 għal Maria Theresa Theuma; 1/84 għal Salvu Theuma u 1/84 għal Francesco Theuma.

Maria Theresa Theuma kellha nofs indiviż (1/2) li ħallielha Michele Theuma, flimkien ma' 1/14 mis-sehem li wirtet mingħand Margerita

[31] Ara testament tiegħu tat-18.09.1944, Dok.C anness mac-citazzjoni
[32] Tas-16.04.1967, Dokti. S, S1 u S2

Theuma, flimkien ma' 1/84 li wirtet mingħand Joseph Theuma. Għalhekk, din kellha b'kollox 7/12. Hija ħalliet bħala eredi tagħha lil ħutha Salvu, Lorenzo, Emanuel, Rita u l-mara ta' ħuha l-mejjet Francesco. Għalhekk Lorenzo Theuma kellu 7/60, Emanuel Theuma kellu 7/60, Rita Theuma kellha 7/60, Salvu Theuma kellu 7/60 u Maria Giovanna Theuma (mart il-mejjet Francesco) kellha 7/60.

Għalhekk is-sehem ta' kull wieħed/waħda mill-kontendenti minn dan il-fond, huwa s-segwenti:

i. Lorenzo Theuma (illum mejjet) kellu is-sehem ta' 1/14 (mingħand oħtu Margarita) + 1/84 (mingħand ħuh Joseph) + 7/60 (mingħand oħtu Maria Theresa) = 168/840, li jiġi ridott għal 1/5, liema sehem irid jinqasam bejn uliedu l-atturi: Michael Theuma, Rose mart Laurence Vella u Carolina Theuma, li għalhekk jiġi li għandhom sehem ta' 1/15 kull wieħed/waħda minnhom;

ii. Rita Theuma għanda s-sehem ta' 1/14 (mingħand Margerita) + 1/84 (mingħand Joseph) + 7/60 (mingħand Maria Theresa) + 1/14 (mingħand Salvu) + 7/60 mingħand Salvu = 2/5;

iii. Francesco Theuma għandu 1/14 (mingħand Margerita) + 1/84 (mingħand Joseph) = 1/12. Dan is-sehem irid jinqasam bejn uliedu. Martu Maria Giovanna Theuma kellha 7/60, u sehmha irid jinqasam ugwalment bejn uliedha. Peress li ulied Francesco u Maria Giovanna Theuma (li huma Giuseppa mart Salvu Pace u Dolores xebba Theuma) mietu pendenti din il-kawża, sehemhom għandu jinqasam bejn id-dixxendenti ta' Giuseppa Pace, u ċioe' Virginia, Frank Paul u Joanna aħwa Pace.

iv. Emanuel Theuma għandu 1/14 mingħand Margerita) + 1/84 (mingħand Joseph) + 7/60 (mingħand Maria Theresa) = 168/840, li jiġi ridott għal 1/5. Dan irid jinqasam ugwalment bejn uliedu Clemente, Carmel, Giorgia mart George Mercieca, Carolina Theuma, Joseph, Michelangelo, George, Lorenzo u Karistu. Minn dawn l-eredi, Carolina Theuma mietet *pendente lite* u ġie maħtur il-kuratur Dr. Mario Scerri biex jieħu ħsieb l-interessi tagħha.

2. **L-art magħufa bħala "Ta' Fejn il-Ħanut"jew" Tal-Ħaruba" fi Triq Xabbata, Sannat,** ġiet imħollija b'legat minn Michele Theuma, bl-istess testament tiegħu, in kwantu għal nofs (1/2) lil Salvu Theuma (li wirtitu oħtu Rita Theuma) u in kwantu għall-bqija (1/2) bejn in-neputijiet kollha tiegħu. Għalhekk din l-art għandha tinqasam hekk:

In-nofs li mess lit-tmien neputijiet għandu jinqasam bil-mod segwenti: 1/16 għal Lorenzo, 1/16 għal Emanuel, 1/16 għal Rita Theuma, 1/16 għal Maria Theresa Theuma, 1/16 għal Salvu Theuma, 1/16 għal Joseph Theuma, 1/16 għal Francsco Theuma, u 1/16 għal Margerita Theuma.

Margerita Theuma mietet intestata u għalhekk sehemha (1/16) għandu jinqasam bejn is-seba' ħutha l-oħra, u ċioe' 1/112 għal Lorenzo, 1/112 għal Emanuel, 1/112 għal Rita, 1/112 għal Maria Theresa, 1/112 għal Salvu, 1/112 għal Joseph, 1/112 għal Francesco.

Joseph Theuma miet intestatat ukoll. Huwa kellu 1/112 bħala sehmu li wiret mingħand Margerita u 1/16 li wiret mingħand zijuh Michele Theuma. Għalhekk, huwa kellu 1/14. Dan is-sehem kellu jinqasam bejn ħutu li ssopravivewh fis-segwenti mod: 1/84 għand Lorenzo, 1/84 għand Emanuel, 1/84 għand Rita, 1/84 għand Maria Theresa, 1/84 għand Salvu u 1/84 għand Francesco Theuma.

Maria Theresa Theuma mietet u sehmha kien jikkonsisti f' 1/16 + 1/112 (mingħand Margerita) + 1/84 (mingħand Joseph) = 1/12. Dan is-sehem għandu jinqasam bejn il-ħames eredi: 1/60 favur Lorenzo, 1/60 favur Emanuel, 1/60 favur Rita, 1/60 favur Salvu u 1/60 favur Maria Giovanna Theuma (mart Francesco Theuma).

Konsegwentement, din l-art għandha tinqasam kif gej:

i. Lorenzo Theuma kellu sehem ta' 1/16 (mingħand zijuh Michele Theuma), 1/112 (mingħand Margerita), 1/84

(mingħand Joseph) u 1/60 (mingħand Maria Theresa). Għalhekk, is-sehem tiegħu jammonta għal 1/10. Dan is-sehem irid jinqasam ugwalment bejn uliedu l-atturi Michael Theuma, Rose mart Laurence Vella u Carolina Theuma, biex jiġi li għandhom 1/30 kull wieħed.

ii. Rita Theuma għandha s-sehem ta' 1/16 (mingħand Michele Theuma), 1/112 mingħand Margerita), 1/84 (mingħand Joseph), 1/60 (mingħand Maria Theresa), 1/16 (sehem Salvu mingħand Michele fir-rigward tan-nofs li nqasam bejn l-aħwa kollha), 1/112 (sehem Salvu mingħand Margerita), 1/84 (sehem Salvu mingħand Joseph), 1/60 (sehem Salvu mingħand Maria Theresa), u ½ (sehem Salvu mingħand Michele) = 7/10.

iii. Francesco Theuma kellu 1/16 (mingħand Michele Theuma), 1/112 (mingħand Margerita) u 1/84 (mingħand Joseph) = 1/12. Dan is-sehem irid jinqasam ugwalment bejn uliedu. Martu Maria Giovanna Theuma kellha 1/60 u sehemha irid jinqasam ugwalment bejn uliedha. Ulied Francesco u Maria Giovanna Theuma (li huma Giuseppa mart Salvu Pace u Dolores xebba Theuma) mietu *pendente lite* u għalhekk sehemhom għandu jiġi maqsum bejn id-dixxendenti ta' Giuseppa Pace.

iv. Emanuel Theuma kellu s-sehem ta' 1/16 (mingħand Michele Theuma), 1/112 (mingħand Margerita), 1/84 (mingħand Joseph) u 1/60 (mingħand Maria Theresa). Għalhekk is-sehem tiegħu jammonta għal 1/10. Is-sehem tiegħu jrid jinqasam ugwalment bejn uliedu: Clemente, Carmel, Giorgia mart George Mercieca, Carolina Theuma, Joseph, Michelangelo, George, Lorenzo u Karistu. Mill-imsemmija eredi, Carolina Theuma mietet *pendente lite* u l-wirt tagħha jinsab rappresentat minn Dr. Mario Scerri.

3. Il-fondi l-oħra kollha li hemm għall-qasma, u ċioe': (a) il-fond bin-numru 83, **Triq ix-Xabbata, Sannat**, (b) l-art magħrufa bħala "**Ta' Wara l-Bejt**" fil-limiti ta' Sannat, (c) l-art magħrufa bħala "**Ta' Xaman**" jew "Ta' Minku" fil-limiti ta' Sannat, (d) iż-żewġ biċċiet raba' agrikoli "**tas-Sanap**" jew "ta' Ras il-Bajjada t'isfel" u (e) l-art "**ta' Xtirpa**" fil-limiti tal-Munxar", għandhom jinqasmu bil-mod segwenti:

Lorenzo, Emanuel, Rita, Maria Theresa, Salvu, Joseph, Francesco u Margereta, kien imisshom 1/8 kull wieħed/waħda minn dawn il-proprjetajiet.

Sehem Margerita mar fuq is-seba' ħutha u għalhekk 1/56 mar fuq kull wieħed/waħda minn ħutha li ssopravivewha.

Sehem Joseph jammonta għal 1/8 + 1/56 = 8/56 = 1/7. Dan is-sehem mar fuq is-sitt ħutu l-oħra li ssopravivewh, u għalhekk 1/42 mar fuq kull wieħed/waħda minn: Lorenzo, Emanuel, Rita, Maria Theresa, Salvu u Francesco.

Sehem Maria Theresa kien jikkonsisti f'1/8 + 1/56 (mingħand Margerita) + 1/42 (mingħand Joseph) = 1/6. Dan irid jinqasam bejn il-ħames ħutha li ssopravivewha, u għalhekk 1/30 kull wieħed/waħda minn: Lorenzo, Emanuel, Rita, Salvu u Maria Giovanna mart Francesco.

Għalhekk l-ishma rispettivi tal-partijiet huma:

i. Lorenzo Theuma kellu 1/8 (sehmu), 1/56 (mingħand Margerita), 1/42 (mingħand Joseph) u 1/30 (mingħand Maria Theresa) = 1/5. Dan is-sehem irid jinqasam ugwalment bejn uliedu l-atturi presenti: Michael Theuma, Rose mart Laurence Vella u Carolina Theuma.

ii. Rita Theuma għandha 1/8 (sehemha), 1/56 (mingħand Margerita), 1/42 (mingħand Joseph), 1/30 mingħand Maria Theresa), 1/8 (mingħand Salvu), 1/56 (sehem Salvu mingħand Margerita), 1/42 (sehem Salvu mingħand Joseph, 1/30 (sehem Salvu mingħand Maria Theresa) =2/5.

iii. Francesco Theuma kellu 1/8 (sehmu), 1/56 (mingħand Margerita), 1/42 (mingħand Joseph) = 1/6, liema sehem irid jinqasam ugwalment bejn uliedu. Martu Maria Giovanna Theuma kellha 1/30 u sehemha irid jinqasam ukoll ugwalment bejn uliedha. Ulied Francesco u Maria Giovanna Theuma (li huma Giuseppa mart Salvu Pace u Dolores xebba Theuma) mietu *pendente lite* u għalhekk

sehemhom għandu jiġi maqsum bejn id-dixxendenti ta' Giuseppa Pace.

iv. Emanuel Theuma kellu 1/8 (sehmu), 1/56 (mingħand Margerita), 1/42 (mingħand Joseph), 1/30 mingħand Maria Theresa) = 1/5. Dan is-sehem irid jinqasam ugwalment bejn uliedu Clemente, Carmel, Giorgia mart George Mercieca, Carolina Theuma, Joseph, Michelangelo, George, Lorenzo u Karistu. Mill-imsemmija eredi, Carolina Theuma mietet *pendente lite* u l-wirt tagħha jinsab rappresentat minn Dr. Mario Scerri.

Il-Qorti taqbel mal-perit tekniku li l-beni id-diviżjoni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividendi, u għalhekk dawn għandhom jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni, sabiex ir-rikavat, wara li jinqatgħu l-ispejjeż, jinqasam bejn l-istess kondividendi, kulħadd skond sehmu.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi:

1. peress li ġia kienet ipprovdiet dwar l-ewwel talba fil-mori tas-smiegħ tal-kawża, bin-nomina tal-Avukat Dottor Aaron Attard Hili, li pero' ma jistax issa jkompli fl-inkarigu tiegħu minħabba l-posizzjoni presenti tiegħu bħala Assistent Gudizzjarju, tinnomina minfloku lill-Avukat Dottor Damien Bigeni sabiex jieħu f'idejh il-beni in diviżjoni sakemm isir il-bejgħ tagħhom kif ser jingħad;

2. tilqa' t-tieni sat-tlettax it-talba u tiddikjara li l-beni għall-qasma huma: (i) il-fond numru **22, Triq Marsilja, Sannat,** (ii) l**-art magħufa bħala "Ta' Fejn il-Ħanut" jew" Tal-Ħaruba" fi Triq Xabbata, Sannat,** (iii) il-fond bin-numru **83, Triq ix-Xabbata, Sannat**, (iv) l-art magħrufa bħala "**Ta' Wara l-Bejt**" fil-limiti ta' Sannat, (v) l-art magħrufa bħala "**Ta' Xaman**" jew "Ta' Minku" fil-limiti ta' Sannat, (vi) iż-żewġ biċċiet raba' agrikoli "**tas-Sanap**" jew "ta' Ras il-Bajjada t'isfel" u (vii) l-art "**ta' Xtirpa**" fil-limiti tal-Munxar;" u tiddikjara li l-kwoti tal-kontendenti minn dawn il-beni huma dawk stabiliti hawn fuq f'din is-sentenza;

3. tiċħad l-erbatax u l-ħmistax it-talba billi dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividendi fil-kwoti stabiliti; u

4. tilqa' s-sittax it-talba u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-istess beni, sabiex ir-rikavat jinqasam bejn l-istess kondividendi fil-kwoti hawn fuq stabiliti, wara li jinqatgħu l-ispejjeż.

Billi din hija kawża għad-diviżjoni ta' beni ġejjin minn wirt, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-kondividendi kollha, kulħadd skond is-sehem tiegħu.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------